

Brussell, 20 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15738/25

ECOFIN 1569  
FISC 333  
UD 280  
ENV 1258  
CLIMA 551  
DELECT 177

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7845 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'20.11.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditazzjoni u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 7845 final.

---

Mehmuż: C(2025) 7845 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025  
C(2025) 7845 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'20.11.2025**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditazzjoni u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati f'ċerti oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex jiġi pprevenut ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u biex jinħolqu inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-karbonju. Ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati f'oġġetti CBAM prodotta fl-installazzjoni ta' pajjiż terz u għall-verifika tal-emissjonijiet integrati ddikjarati, fejn dawn ikunu bbażati fuq valuri reali, minn verifikatur akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni maħtur f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Ir-Regolament CBAM ġie emendat bir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. L-emendi leġiżlattivi b'mod partikolari jagħtu aċċess lill-verifikaturi għar-reġistru tas-CBAM, jispeċifikaw li verifikatur għandu jkun persuna ġuridika, u jirrikjedu li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jikkunsidra kwalunkwe akkreditazzjoni rilevanti skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System) għall-valutazzjoni tal-kwalifiki ta' verifikatur għall-finijiet tas-CBAM.

L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2023/956 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-għoti u għall-irtirar tal-akkreditazzjoni mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Bħala parti mill-proċess ta' akkreditazzjoni u sorveljanza, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni se jeżerċitaw kontroll u sorveljanza tal-verifikaturi billi jiżguraw li persuna ġuridika li tapplika biex tkun verifikatur ikollha l-kapaċità li tapplika l-prinċipji ta' verifika tas-CBAM imsemmija fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament meta twettaq il-verifika. Ir-rekwiżiti li l-verifikaturi għandhom jissodisfaw u l-attivitajiet ta' verifika li jridu jwettqu jridu jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-kontroll u s-sorveljanza meħtieġa jkunu jistgħu jiġu eżerċitati. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni bejn il-verifikaturi u l-awtoritajiet pubbliċi li jkunu se jissorveljaw il-ħidma tal-verifikatur, jiġifieri l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit id-dikjarant awtorizzat tas-CBAM u l-Kummissjoni Ewropea jistgħu jirrieżaminaw l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti ta' verifika, inkluż abbażi ta' kwalunkwe informazzjoni kkomunikata mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni. L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2023/956 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

Għal raġunijiet ta' koerenza u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-verifikaturi, huwa importanti li jitqiesu bis-sħiħ is-sinerġiji u li jiġu limitati kemm jista' jkun id-diverġenzi bejn il-karatteristiċi u r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni u tal-verifika tas-CBAM u dawk li jinsabu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 u applikabbli għas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Il-verifika tal-emissjonijiet

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u tat-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, ĠU L, 2025/2083, 17.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2083/oj>.

integrati fl-oġġetti CBAM ma għandha tirriżulta f'ebda trattament aktar favorevoli għall-oġġetti tal-Unjoni meta mqabbla ma' oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti Informali dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) fis-27 ta' Ottubru 2023. Għat-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat, saru laqgħat tal-Grupp ta' Esperti fit-18 ta' Settembru, fit-3 u fl-4 ta' Novembru. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-korp li huwa rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u lill-Kunsill għall-Ittestjar, l-Ispezzjoni u ċ-Ċertifikazzjoni (il-Kunsill TIC, Testing, Inspection and Certification) – l-assoċjazzjoni ewlenija tal-verifikaturi.

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat ġew trażmessi simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. L-osservazzjonijiet espressi mill-grupp ta' esperti tqiesu meta kien qiegħed jitħejja l-abbozz tar-Regolament Delegat.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament Delegat se jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni se jagħtu akkreditazzjoni għall-finijiet tas-CBAM abbażi tad-dokumentazzjoni ta' sostenn sottomessa mill-applikant u l-kapaċità tal-applikant li japplika l-prinċipji ta' verifika.

Ir-Regolament Delegat se jispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet għall-kontroll u s-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati u, għal dan il-għan, se jispeċifika r-rekwiżiti u l-attivitajiet ta' verifika tal-verifikaturi, il-miżuri amministrattivi applikabbli, inkluż l-irtirar tal-akkreditazzjoni, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, ir-Regolament Delegat se jispeċifika l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, inkluż kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa mill-Istati Membri.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'20.11.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditazzjoni u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) 2023/956, meta l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni mill-2026 jiġu determinati abbażi tal-valuri attwali, għandhom jiġu verifikati minn verifikatur.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2023/956, il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) jikkomplimenta s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System) stabbilita skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>. L-iżgurar tal-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni u ta' verifika tas-CBAM u dawk applikabbli għall-EU ETS se jsaħħaħ is-sinerġiji bejn iż-żewġ strumenti u jnaqqas il-piż amministrattiv għall-verifikaturi, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti.
- (3) Skont ir-Regolament (UE) 2023/956, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, kif maħtura minn kull Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, għandhom jakkreditaw il-verifikaturi. Sabiex jiġi żgurat li jiġu akkreditati biss l-applikanti li jistgħu jwettqu verifika tal-emissjonijiet integrati f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/956 bil-kompetenza meħtieġa u bl-għarfien meħtieġ, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-kompetenza tal-verifikaturi u l-attivitajiet li jeħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu ladarba jiġu akkreditati.

<sup>2</sup> ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj>.

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj>.

- (4) Biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni u verifika applikabbli għall-EU ETS u biex jitqiesu l-ispeċifitàjiet tas-CBAM, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti tal-kompetenza u l-attivitajiet li l-verifikaturi għandhom iwettqu skont dan ir-Regolament, b'mod simili għall-attivitajiet u r-rekwiżiti pprovduti skont l-EU ETS. Biex tiġi żgurata proċedura effettiva ta' applikazzjoni, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għas-sottomissjoni tat-talba għall-akkreditazzjoni li permezz tagħhom l-applikanti juru kompetenza teknika.
- (5) Biex jitqiesu l-istandards applikabbli fuq livell internazzjonali, tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli applikabbli għall-EU ETS u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri, huwa xieraq li jintużaw l-aħjar Prattiki li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-istandards armonizzati rilevanti adottati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni abbażi ta' talba magħmula mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>. Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista l-konformità ma' ċerti standards armonizzati rilevanti li għandhom jiġu kkomplementati b'rekwiżiti addizzjonali u speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (6) Biex jiġi rrispettat il-prinċipju ta' nuqqas ta' kompetizzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, l-applikanti jenħtieġ li jitolbu akkreditazzjoni fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-applikanti jkun jistgħu jitolbu akkreditazzjoni fi Stat Membru ieħor fejn ma jkun hemm l-ebda korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fl-Istat Membru tal-applikant jew meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunx kompetenti biex jipprovdi s-servizzi ta' akkreditazzjoni mitluba.
- (7) Biex jiżdied l-għadd ta' applikanti eliġibbli, jitnaqqsu l-kostijiet għall-verifikaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi u l-operaturi jitħallew jużaw is-servizzi ta' verifika tagħhom, jenħtieġ li jkun possibbli għal persuna ġuridika mhux stabbilita fi Stat Membru li tapplika għall-akkreditazzjoni ma' kwalunkwe korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, għal raġunijiet ta' nuqqas ta' kapaċità jew għal raġunijiet relatati oħra, ma jkunx jista' jipproċessa l-applikazzjoni ta' applikant stabbilit f'pajjiżi terzi, dan jenħtieġ li jipprovdi lill-applikant raġunijiet debitament iġġustifikati għal dan, kif ukoll lista ta' korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jistgħu jkun kapaċi jipproċessaw it-talba.
- (8) Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-verifikaturi jkollhom il-kompetenza meħtieġa biex jifhmu l-proċessi tekniċi mwettqa mill-installazzjonijiet u biex jivvalutaw il-limiti speċifiċi ta' monitoraġġ u rapportar ta' installazzjoni skont l-oġġetti prodotti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jinħoloq ambitu separat ta' akkreditazzjoni għal kull grupp ta' attività rilevanti tas-CBAM biex il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun jistgħu jevalwaw il-kompetenza u l-prestazzjoni tal-verifikatur skont kriterji speċifiċi skont l-ambitu partikolari ta' akkreditazzjoni.
- (9) Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-proċessi u biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv filwaqt li tinżamm ir-robustezza tal-proċess ta' akkreditazzjoni, jenħtieġ li l-

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12](http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj>.

verifikaturi li diġà jkunu akkreditati għal grupp rilevanti ta' attivitajiet skont l-EU ETS skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067<sup>6</sup> ikunu jistgħu japplikaw għal estensjoni tal-ambitu tal-akkreditazzjoni tagħhom għaċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni tas-CBAM korrispondenti. Biex il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jqisu l-gruppi ta' attivitajiet korrispondenti skont l-EU ETS, huwa meħtieġ li jiġu identifikati tali gruppi ta' attivitajiet korrispondenti.

- (10) Biex jiġi żgurat li l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jwettqu b'mod adegwat attivitajiet ta' akkreditazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u rekwiżiti għall-valutazzjoni tat-talbiet għall-akkreditazzjoni.
- (11) Biex il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll u sorveljanza fuq il-verifikaturi u biex jiġi żgurat li l-verifikaturi jżommu l-kompetenza teknika tagħhom biex iwettqu l-kompitu fdat, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-attivitajiet ta' sorveljanza li għandhom iwettqu l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jikkonkludi li l-verifikatur ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti u milli jwettaq l-attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni XX/XX<sup>7</sup> [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150], il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jadotta miżuri amministrattivi inkluż is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tnaqqis tal-ambitu ta' akkreditazzjoni.
- (12) Biex jiġu żgurati kontroll u sorveljanza effiċjenti tal-verifikaturi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-verifikatur u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkreditat, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kif ukoll bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni. Tali skambji ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu regolati mill-garanziji l-aktar stretti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali u li jiġu ttrattati f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u dak nazzjonali.
- (13) Meta Stat Membru ma jistabbilix korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew ma jwettaqx attivitajiet ta' akkreditazzjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, biex tiżgura sorveljanza effiċjenti tal-verifikaturi, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkomunika kwalunkwe lment li tkun irċeviet dwar verifikatur akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ieħor lil dan tal-aħħar, kif ukoll informazzjoni dwar ir-rieżami tar-rapporti ta' verifika lil awtoritajiet kompetenti oħra u mal-Kummissjoni permezz tar-reġistru tas-CBAM.
- (14) Biex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-verifikaturi akkreditati fir-reġistru tas-CBAM tkun affidabbli u aġġornata, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jenħtieġ li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-akkreditazzjoni ta' verifikatur.
- (15) Biex jappoġġa r-rieżami tar-rapporti ta' verifika, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jenħtieġ li perjodikament jiskambja informazzjoni mal-awtorità kompetenti dwar l-attivitajiet ippjanati għall-verifikaturi u r-riżultati tal-kontroll ta' dawn l-attivitajiet. L-

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94), ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2018/2067/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

<sup>7</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ... ta' ... dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji għall-verifika tal-emissjonijiet integrati ddikjarati skont ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkondividi din l-informazzjoni mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet kompetenti oħra permezz tar-reġistru tas-CBAM. Min-naħa tagħha, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkondividi wkoll mal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti mir-rieżami tar-rapporti ta' verifika sabiex tappoġġa l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tagħha relatati mal-kontroll u s-sorveljanza tal-verifikaturi.

- (16) Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-akkreditazzjoni u l-verifika, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirrikonoxxu l-ekwivalenza tas-servizzi tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkunu għaddew b'suċċess minn evalwazzjoni bejn il-pari, jew li jkunu bdew evalwazzjoni bejn il-pari li matulha ma tkun ġiet identifikata l-ebda irregolarità, u jenħtieġ li jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni u r-rapporti ta' verifika tal-verifikaturi akkreditati minn daww il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni.
- (17) Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li juru konformità ma' dan ir-Regolament u li diġà jkunu għaddew b'suċċess minn evalwazzjoni bejn il-pari qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti proċedurali rilevanti u jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jgħaddu minn evalwazzjoni bejn il-pari għidha f'konformità mar-Regolament.
- (18) Meta l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari jkun negattiv, sabiex tiġi mmitigata kwalunkwe inċertezza dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni jew tar-rapporti ta' verifika, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jenħtieġ li jiġi pprevenut milli jipprovi kwalunkwe servizz ta' akkreditazzjoni.
- (19) Meta tiġi proċessata data personali fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament Delegat, japplika r-Regolament (UE) 2016/679<sup>8</sup>.
- (20) Peress li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi li jwettqu attivitajiet fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati mill-1 ta' Jannar 2026, jenħtieġ li japplika minn dik id-data.
- (21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fit-13 ta' Novembru 2025,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

### Dispożizzjonijiet ġenerali

#### *Artikolu 1*

#### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid ir-referenza ta' C(2025)8150] u l-Artikolu 1, u l-Anness I, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, pp. 1-88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Kummissjoni (UE) XX/XX<sup>9</sup> [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8151], japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “verifikatur” tfisser entità ġuridika li twestaq attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament u akkreditata minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għall-fini tar-Regolament (UE) 2023/956 fil-mument li jinħareġ rapport ta' verifika;
- (2) “verifika” tfisser l-attivitajiet imwettqa minn verifikatur biex joħroġ rapport ta' verifika skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150];
- (3) “ambitu tal-akkreditazzjoni” tfisser il-gruppi ta' attività tas-CBAM imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li għalihom tintalab jew tkun ingħatat akkreditazzjoni;
- (4) “riskju inerenti” tfisser is-suxxettibbiltà ta' parametru fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur għal dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali, individwalment jew meta aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra, qabel ma jiġi kkunsidrat l-effett ta' kwalunkwe attività ta' kontroll relatata;
- (5) “attivitajiet ta' kontroll” tfisser kwalunkwe att imwettaq jew miżura implimentata mill-operatur biex jittaffew ir-riskji inerenti;
- (6) “riskju ta' kontroll” tfisser kemm parametru fir-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur ikun suxxettibbli għal dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali, individwalment jew meta aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra u li s-sistema ta' kontroll ma tistax tipprevenihom jew tinnutahom u tikkoreġihom fil-ħin;
- (7) “riskju ta' verifika” tfisser ir-riskju, li huwa kkawżat jew mir-riskju inerenti, mir-riskju ta' kontroll, jew mir-riskju li l-verifikatur ma jindunax b'dikjarazzjoni skorretta materjali, li l-verifikatur jesprimi opinjoni ta' verifika żbaljata meta r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ma jkunx ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;
- (8) “livell ta' assigurazzjoni” tfisser il-grad ta' assigurazzjoni li l-verifikatur jipprovdi fuq ir-rapport ta' verifika abbażi tal-objettiv li jitnaqqas ir-riskju ta' verifika skont iċ-ċirkostanzi tal-impenn ta' verifika;
- (9) “garanzija raġonevoli” tfisser livell għoli ta' garanzija iżda mhux livell assolut tagħha, espress b'mod pożittiv fl-opinjoni ta' verifika, dwar jekk ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur li jkun qiegħed jiġi vverifikat ikunx ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le;
- (10) “sit” tfisser l-installazzjoni li għaliha jirreferi r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur soġġett għall-verifika;
- (11) “awditur ewlieni tas-CBAM” tfisser awditur responsabbli mid-direzzjoni u s-superviżjoni tat-tim ta' verifika, li huwa responsabbli li jwettaq u jirrapporta dwar il-verifika ta' rapport tal-emissjonijiet ta' operatur;
- (12) “awditur tas-CBAM” tfisser membru ta' tim ta' verifika li jkun responsabbli għat-twettiq ta' verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur;

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni .... ta' ... li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati fl-oġġetti.

- (13) “assessur” tfisser persuna assenjata minn korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni biex twettaq individwalment jew bħala parti minn tim ta’ valutazzjoni, valutazzjoni ta’ verifikatur skont dan ir-Regolament.

## **Kapitolu II**

### **Għoti u rtirar tal-akkreditazzjoni**

#### **TAQSIMA 1**

#### **PROĊEDURA**

##### *Artikolu 2*

#### **Ambitu tal-valutazzjoni minn korpi nazzjonali ta’ akkreditazzjoni**

Il-korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni għandu jivvaluta jekk il-persuna ġuridika li tapplika għall-akkreditazzjoni (“l-applikant”) jew il-verifikatur:

- (a) jissodisfax ir-rekwiżiti ta’ kompetenza stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness II, inkluż l-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1 tal-Anness II;
- (b) iwettaqx l-attivitajiet ta’ verifika stabbiliti fl-Anness II, it-taqsima 2 ta’ dan ir-Regolament f’konformità ma’ dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta’ C(2025)8150].

##### *Artikolu 3*

#### **Talba għall-akkreditazzjoni**

1. Applikant li jkun stabbilit skont id-dritt nazzjonali ta’ Stat Membru għandu jitlob lill-korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni ta’ dak l-Istat Membru biex jagħti akkreditazzjoni f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-applikant li jkun stabbilit skont id-dritt nazzjonali ta’ Stat Membru għandu jitlob lil korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni minbarra dak tal-Istat Membru ta’ stabbiliment tiegħu biex jagħti akkreditazzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-Istat Membru li fih ikun stabbilit ikun iddeċieda li ma jistabbilix korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni u ma jkunx irrikorra għall-korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni ta’ Stat Membru ieħor;
- (b) meta l-korpi nazzjonali ta’ akkreditazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jwettqux akkreditazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta’ verifika li għalihom tintalab akkreditazzjoni;
- (c) meta l-korpi nazzjonali ta’ akkreditazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux għaddew b’suċċess minn evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward tal-gruppi ta’ attività li għalihom tkun qiegħda tintalab akkreditazzjoni.

2. Applikant li ma jkunx stabbilit skont id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru għandu jitlob lil korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdi akkreditazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament biex jagħti akkreditazzjoni.
3. It-talbiet għall-akkreditazzjoni għandhom ikopru grupp wieħed jew aktar ta' attivitajiet tas-CBAM elenkati fl-Anness I.
4. Flimkien mal-applikazzjoni, l-applikant imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jagħmel disponibbli għall-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni d-dokumenti li ġejjin:
  - (a) deskrizzjoni tal-kompetenza tal-applikant li jwettaq il-proċeduri u l-proċessi msemmija fit-Taqsima 1.5.1 tal-Anness II u s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fit-Taqsima 1.5.2 ta' dak l-Anness;
  - (b) deskrizzjoni tal-kriterji ta' kompetenza msemmija fl-Anness II, it-Taqsima 1.1.1, it-tieni paragrafu, il-punti (a) u (b), ir-riżultati tal-proċess ta' kompetenza msemmi f'dik it-Taqsima u dokumentazzjoni rilevanti oħra dwar il-kompetenza tal-persunal kollu involut fl-attivitajiet ta' verifika kif imsemmi fl-Anness II, it-Taqsimiet 1.2 u 1.3;
  - (c) deskrizzjoni tal-proċess biex ikunu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi, kif imsemmi fit-Taqsima 1.7.5 tal-Anness II, inklużi r-rekords rilevanti dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tal-applikant u l-persunal tiegħu;
  - (d) il-lista ta' esperti tekniċi fil-verifika u l-persunal ewlieni involut fil-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet tal-operaturi;
  - (e) deskrizzjoni tal-proċeduri u tal-proċessi msemmija fit-Taqsima 1.5.1 tal-Anness II, inklużi dawk li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni tal-verifika interna msemmija fit-Taqsima 2.16 tal-Anness II;
  - (f) ir-rekords imsemmija fit-Taqsima 1.6 tal-Anness II;
  - (g) jekk applikabbli, kwalunkwe evidenza rilevanti ta' kompetenza ppruvata fl-applikazzjoni tal-istandard internazzjonali msemmi fit-Taqsima 1.5 tal-Anness II, kif rikonoxxut minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' pajjiż terz;
5. Wara li jirċievi t-talba għall-akkreditazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jitlob lill-applikant jippreżenta kwalunkwe informazzjoni oħra li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jqis meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni.
6. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jipprovdi servizzi ta' akkreditazzjoni skont dan ir-Regolament iżda ma jkunx jista' jwettaq l-akkreditazzjoni ta' applikant stabbilit f'pajjiż terz, dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jipprovdi lill-applikant, mingħajr dewmien żejjed wara li jirċievi talba għal akkreditazzjoni, bi tweġiba debitament iġġustifikata li tiddekrivi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq tal-akkreditazzjoni kif ukoll lista ta' korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jistgħu jwettqu l-proċess ta' akkreditazzjoni.

Il-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari msemmi fl-Artikolu 24 għandu jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni billi jżomm lista ta' korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jipprovdu servizzi ta' akkreditazzjoni għas-CBAM u ta' korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jistgħu jkunu kapaċi jwettqu l-proċess ta' akkreditazzjoni għall-applikanti stabbiliti f'pajjiż terz.

## Artikolu 4

### **Talbiet għall-akkreditazzjoni minn applikanti akkreditati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067**

Applikant akkreditat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 għall-grupp ta' attivitajiet rilevanti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jista' japplika għal estensjoni tal-ambitu tal-akkreditazzjoni tiegħu għall-gruppi ta' attività korrispondenti tas-CBAM kif elenkati f'dak l-Anness.

L-applikazzjoni għal estensjoni tal-ambitu għandha tiġi sottomessa lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni maħtur f'konformità mal-Artikolu 3(1).

## Artikolu 5

### **Valutazzjoni tat-talbiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni**

1. Meta jwettaq il-valutazzjoni tat-talbiet għall-akkreditazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jwettaq l-azzjonijiet li ġejjin:
  - (a) jirrieżamina l-informazzjoni pprovduta mill-applikant skont l-Artikolu 3;
  - (b) iwettaq żjara fuq il-post tal-bini tal-applikant biex jirrieżamina kampjun rappreżentattiv tad-dokumentazzjoni tal-verifika interna u jivvaluta l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-applikant u l-proċeduri jew il-proċessi għall-attivitajiet ta' verifika msemmija fl-Anness II, it-Taqsima 1.5;
  - (c) josserva l-prestazzjoni u tal-kompetenza ta' għadd rappreżentattiv tal-persunal tal-applikant involut fil-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-operaturi biex jiġi żgurat li dawn joperaw f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].
2. Matul il-valutazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jqis dan li ġej:
  - (a) il-kumplessità tal-ambitu tal-akkreditazzjoni;
  - (b) il-kumplessità tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fl-Anness II, it-Taqsima 1.5.2;
  - (c) il-proċeduri u l-informazzjoni dwar il-proċessi msemmija fl-Anness II, it-Taqsima 1.5.1;
  - (d) iż-żoni ġeografiċi li fihom l-applikant ikun qiegħed iwettaq jew qiegħed jippjana li jwettaq verifika;
  - (e) jekk l-applikant huwiex akkreditat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 għall-grupp rilevanti ta' attivitajiet elenkati fl-Anness I.

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jqis ukoll kwalunkwe evidenza rilevanti pprovduta mill-applikant, skont l-Artikolu 3(4), il-punt (g).

3. Meta l-applikant jiddeċiedi li jissottokuntratta ċerti attivitajiet ta' verifika f'konformità mal-Anness II, it-Taqsima 1.7.4, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jwettaq ukoll l-attivitajiet imsemmija f'dan l-Artikolu, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), fil-bini tal-korp sottokuntrattat.

4. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu u kwalunkwe nuqqas ta' konformità lill-applikant u għandu jitlob tweġiba.
5. L-applikant għandu jieħu azzjoni korrettiva biex jindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità rrapportat skont il-paragrafu 4 u għandu jissottometti tweġiba b'indikazzjoni ta' liema azzjoni jkun ħa, jew qed jippjana li jieħu fi żmien stabbilit mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, biex isolvihom.
6. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrieżamina t-tweġiba sottomessa mill-applikant skont il-paragrafu 5.
7. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jsib li t-tweġiba tal-applikant jew l-azzjoni meħuda ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx effettiva, huwa għandu jitlob lill-applikant jissottometti aktar informazzjoni jew jieħu azzjoni ulterjuri.

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jitlob evidenza tal-implimentazzjoni reali tal-azzjoni korrettiva, jew iwettaq valutazzjoni ta' segwitu biex jivvalutaha.

### *Artikolu 6*

#### **Deċiżjoni dwar l-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni**

1. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jiddeċiedi li jagħti jew li jġedded akkreditazzjoni jew li jestendi l-ambitu ta' akkreditazzjoni, huwa għandu joħroġ ċertifikat ta' akkreditazzjoni għal dak il-għan.
2. Iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni għandu jkollu mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) l-identità tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;
  - (b) l-isem u l-identifikazzjoni unika tal-akkreditazzjoni tal-verifikatur;
  - (c) l-ambitu tal-akkreditazzjoni u tal-gruppi ta' attivitajiet;
  - (d) il-pajjiż ta' stabbiliment tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u tal-verifikatur;
  - (e) id-data effettiva tal-akkreditazzjoni u d-data tal-iskadenza tagħha;
  - (f) referenza għad-dokumenti normattivi użati għall-valutazzjoni.
3. Iċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux iktar minn ħames snin mid-data meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ikun haġru.

### *Artikolu 7*

#### **Valutazzjoni mill-ġdid**

1. Qabel l-iskadenza ta' ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minnu, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrivaluta lill-verifikatur inkwistjoni sabiex jiddetermina jekk tistax tiġi estiża l-validità ta' ċertifikat.
2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jippjana l-valutazzjoni mill-ġdid tiegħu b'mod li jippermetti lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jivvaluta kampjuni rappreżentattivi tal-attivitajiet tal-verifikatur koperti miċ-ċertifikat.
3. Il-korp nazzjonali ta' akkreditament għandu jwettaq il-valutazzjoni mill-ġdid tal-verifikaturi f'konformità mal-Artikolu 2.

## Artikolu 8

### Twessigħ tal-ambitu

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu, bi tweġiba għal applikazzjoni minn verifikatur għal estensjoni tal-ambitu għal akkreditazzjoni mogħtija, jiddetermina jekk il-verifikatur jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 għall-estensjoni mitluba tal-ambitu tal-akkreditazzjoni tiegħu.

## Artikolu 9

### Sospensjoni u rtirar tal-akkreditazzjoni u tnaqqis tal-ambitu ta' akkreditazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni jew inaqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni ta' verifikatur, meta l-verifikatur ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) 2023/956, jew fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].
2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni jew inaqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni ta' verifikatur, meta l-verifikatur jitlob dan.
3. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissospendi akkreditazzjoni jew inaqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni ta' verifikatur, meta l-verifikatur ikun:
  - (a) wettaq ksur serju tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) 2023/956 jew fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150];
  - (b) b'mod persistenti u ripetutament naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) 2023/956 jew fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150];
  - (c) kiser kwalunkwe terminu u kundizzjoni speċifiċi oħra stabbiliti mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.
4. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirtira akkreditazzjoni ta' verifikatur meta:
  - (a) il-verifikatur ikun naqas milli jirrimedja n-nuqqasijiet li kienu jikkostitwixxu r-raġunijiet għal deċiżjoni ta' sospensjoni tal-akkreditazzjoni;
  - (b) membru tal-ġestjoni tal-verifikatur, jew membru tal-persunal tal-verifikatur involut f'attivitajiet ta' verifika skont ir-Regolament (UE) 2023/956, instab ħati ta' frodi;
  - (c) il-verifikatur ikun ipprova intenzjonalment informazzjoni falza jew ikun ħeba l-informazzjoni b'mod intenzjonali.
5. Verifikatur jista' jniedi appell quddiem il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni kontra deċiżjoni ta' dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni biex jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni jew biex inaqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1, 3 u 4.

6. Id-deċiżjonijiet ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni jew li jnaqqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tan-notifika tal-verifikatur.
7. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrevoka d-deċiżjoni li jissospendi ċertifikat ta' akkreditazzjoni meta jikkonkludi li l-verifikatur jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956 u r-Regolament XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].

## **TAQSIMA 2**

### **REKWIŻITI GĦALL-KORPI NAZZJONALI TA' AKKREDITAZZJONI**

#### *Artikolu 10*

#### **Rekwiżiti ta' kompetenza għall-assessuri**

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jiżgura li l-persuni maħtura biex iwettqu l-valutazzjoni jkollhom il-ħiliet jew l-għarfien li ġej:

- (a) għarfien dwar l-akkreditazzjoni, tal-attivitajiet ta' verifika u tal-monitoraġġ u l-kalkolu tal-emissjonijiet integrati skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8151], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150], għarfien dwar il-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data rilevanti għal allokkazzjoni bla ħlas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX<sup>10</sup> [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8152], u għarfien ta' leġiżlazzjoni, standards armonizzati u linji gwida applikabbli oħra;
- (b) il-kompetenza u l-fehim meħtieġa biex jivvalutaw l-attivitajiet ta' verifika msemmija fl-Anness II, it-Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament;
- (c) għall-ambitu tal-akkreditazzjoni LI imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, il-kompetenza teknika u l-fehim meħtieġa biex jivvalutaw l-evidenza meħtieġa biex jintwera l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, it-Taqsima 5, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2023/956;
- (d) għall-ambitu tal-akkreditazzjoni LII imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, il-kompetenza teknika u l-fehim meħtieġa biex jivvalutaw l-evidenza meħtieġa biex jintwera l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, it-Taqsima 6 tar-Regolament (UE) 2023/956;
- (e) għarfien dwar l-awditjar tad-data u tal-informazzjoni, kif imsemmi fl-Anness II, it-Taqsima 1.2, ir-raba' paragrafu, il-punt (b), ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni .... ta' ... li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-aġġustament tal-allokkazzjoni bla ħlas għall-għadd ta' ċertifikati tas-CBAM li għandhom jiġu ċeduti.

## Artikolu 11

### **Esperti tekniċi fl-akkreditazzjoni**

1. Fejn meħtieġ, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jinvolvi esperti tekniċi fl-akkreditazzjoni għall-valutazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika mwettqa mill-verifikaturi.
2. Minbarra l-għarfien u l-kompetenza esperta dwar suġġett meħtieġ, l-esperti tekniċi fl-akkreditazzjoni għandu jkollhom għarfien ta' dan li ġej:
  - (a) għarfien dwar l-akkreditazzjoni, tal-attivitajiet ta' verifika u tal-monitoraġġ u l-kalkolu tal-emissjonijiet integrati skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8151], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150], għarfien dwar il-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data rilevanti għal allokkazzjoni bla hłas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8152], u għarfien ta' leġislazzjoni, standards u linji gwida applikabbli oħra;
  - (b) għarfien tal-attivitajiet ta' verifika mwettqa mill-verifikaturi, imsemmija fl-Anness II, it-Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 12

### **Aċċess għall-informazzjoni, kunfidenzjalità u segretezza professjonali**

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu, fuq bażi regolari, jagħmel disponibbli għall-pubbliku u jaġġorna l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tiegħu skont dan ir-Regolament.
2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jagħmel arranġamenti xierqa biex jissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba matul l-attivitajiet ta' valutazzjoni skont dan ir-Regolament.

Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jirċievi informazzjoni dwar ir-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur jew rapport ta' verifika, inkluż skont l-Artikoli 16 u 21, tali informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali, u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma għandux jiżvela din l-informazzjoni lil kwalunkwe persuna jew awtorità oħra ħlief meta meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.

## Kapitolu III

### Kontroll u sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati

#### TAQSIMA 1

#### KONTROLL TAL-VERIFIKATURI

##### *Artikolu 13*

#### **Rekwiżiti Ġenerali tal-kontroll**

Matul il-validità ta' ċertifikat ta' akkreditazzjoni, il-verifikaturi għandhom ikomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness II u jwettqu l-attivitajiet ta' verifika f'konformità mat-Taqsima 2 ta' dak l-Anness u għandhom ikomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/956 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].

Matul il-validità ta' ċertifikat ta' akkreditazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun ta l-akkreditazzjoni għandu jivverifika jekk il-verifikatur jikkonformax mar-rekwiżiti u mal-attivitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu.

Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jqis li l-verifikatur ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956 jew ir-Regolament ta' Implimentazzjoni XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150], il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa, inkluż is-sospensjoni jew l-irtirar tal-akkreditazzjoni, jew it-tnaqqis tal-ambitu tal-akkreditazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.

##### *Artikolu 14*

#### **Sorveljanza annwali**

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jwettaq sorveljanza annwali ta' kull verifikatur li lilu jkun ħareġ ċertifikat ta' akkreditazzjoni. Dik is-sorveljanza għandha tinkludi, tal-anqas, dawn li ġejjin:
  - (a) valutazzjoni tal-uffiċċju fuq il-post jew virtwali tal-verifikatur;
  - (b) l-osservazzjoni tal-prestazzjoni u l-valutazzjoni tal-kompetenza ta' għadd rappreżentattiv tal-persunal tal-verifikatur f'konformità mal-Artikolu 5(1), il-punt (c);

Meta l-verifikatur jissottokuntratta ċerti attivitajiet ta' verifika f'konformità mal-Anness II, it-Taqsima 1.7.4, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jwettaq ukoll l-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu fil-bini tal-korp sottokuntrattat.

2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jwettaq l-ewwel sorveljanza ta' verifikatur f'konformità mal-paragrafu 1 fi żmien 12-il xahar mid-data li fiha jkun inħareġ iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni tiegħu.
3. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jippjana li jwettaq l-eżerċizzju ta' sorveljanza annwali tiegħu b'mod li jkun jista' jivvaluta kampjuni rappreżentattivi

tal-attivitajiet tal-verifikatur fi ħdan l-ambitu taċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni u tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' verifika.

4. Fuq il-bażi tar-riżultati tas-sorveljanza, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jiddeċiedi jekk għandux jikkonferma l-kontinwazzjoni tal-akkreditazzjoni.

#### *Artikolu 15*

### **Valutazzjoni straordinarja**

Fi kwalunkwe mument matul il-validità taċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jwettaq valutazzjoni straordinarja ta' kwalunkwe aspekt tal-kompetenza jew tal-attivitajiet tal-verifikatur biex jivvaluta jekk il-verifikatur għadux jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, tar-Regolament (UE) 2023/956, u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].

#### *Artikolu 16*

### **Ilmenti**

Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun irċieva ilment dwar verifikatur li jkun akkredita mingħand kwalunkwe awtorità kompetenti, il-Kummissjoni, l-operatur jew partijiet interessati oħra, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu, mhux aktar tard minn 3 xhur mid-data tal-wasla tal-ilment, jipproċedi kif ġej:

- (a) jivvaluta l-validità tal-ilment;
- (b) jiżgura li l-verifikatur ikkonċernat jingħata l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu;
- (c) jieħu azzjonijiet xierqa biex jindirizza l-ilment;
- (d) jirreġistra l-ilment u l-azzjoni meħuda;
- (e) iwieġeb lill-ilmentatur.

## **TAQSIMA 2**

### ***SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U NOTIFIKI GĦAS-SORVELJANZA TAL-VERIFIKATURI***

#### *Artikolu 17*

### **Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi skambju effettiv ta' informazzjoni u kooperazzjoni effettiva bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tiegħu u l-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikoli 18 sa 21.
2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 18 u 19, l-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-awtorità kompetenti u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni meta l-awtorità kompetenti tkun stabbilita fi Stat Membru li ma għandux korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jipprovdi servizzi ta' akkreditazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2023/956.

## Artikolu 18

### **Skambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni u l-miżuri amministrattivi**

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jipprovdi mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-verifikatur fir-reġistru tas-CBAM skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (UE) 2023/956 u kwalunkwe aġġornament tiegħu. Tali informazzjoni għandha tinkludi:

- (a) kwalunkwe deċiżjoni għall-għoti, għat-tiġdid ta' akkreditazzjoni ta' applikant jew għall-estensjoni tal-ambitu ta' akkreditazzjoni skont l-Artikolu 6;
- (b) kwalunkwe deċiżjoni biex tiġi sospiża jew irtirata l-akkreditazzjoni jew jitnaqqas l-ambitu ta' akkreditazzjoni ta' verifikatur skont l-Artikolu 9 jew kwalunkwe deċiżjoni dwar appell li reġġgħet lura tali deċiżjoni;
- (c) Kwalunkwe revoka tad-deċiżjoni li tiġi sospiża l-akkreditazzjoni skont l-Artikolu 9(7).

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jirreġistraw u jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-verifikaturi riċevuti f'konformità mal-ewwel paragrafu fir-reġistru tas-CBAM.

## Artikolu 19

### **Programm ta' ħidma ta' akkreditazzjoni u rapport ta' ġestjoni**

1. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jagħmel disponibbli, bl-Ingliż, programm ta' ħidma ta' akkreditazzjoni li jkopri s-sena kalendarja li jmiss lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, li jkun fih il-lista ta' verifikaturi akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Il-programm ta' ħidma tal-akkreditazzjoni għandu jkun fih mill-anqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull verifikatur:
  - (a) informazzjoni dwar attivitajiet li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun ippjana għal dak il-verifikatur, inklużi attivitajiet ta' sorveljanza u ta' rivalutazzjoni;
  - (b) il-ħin u l-post antiċipati tal-verifika, inkluż jekk għandhiex titwettaq żjara fiżika jew virtwali fuq il-post;
  - (c) id-dati tal-awditi ta' osservazzjoni antiċipati li għandhom jitwettqu mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni biex jivvaluta l-verifikatur, inklużi l-isem u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-operaturi u tal-installazzjonijiet li se ssirilhom żjara matul l-awditu ta' osservazzjoni.

Meta jseħħu bidliet fl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti programm ta' ħidma aġġornat sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

2. Sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jagħmel disponibbli, bl-Ingliż, rapport ta' ġestjoni lill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 31. Ir-rapport ta' ġestjoni għandu jkun fih mill-anqas l-informazzjoni li

ġejja fir-rigward ta' kull verifikatur li jkun ġie akkreditat minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew, fil-każ tal-punt (c), fir-rigward ta' kull applikant:

- (a) id-dettalji ta' akkreditazzjoni tal-verifikaturi li ġew akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, inkluż l-ambitu ta' akkreditazzjoni għal dawn il-verifikaturi;
  - (b) kwalunkwe bidla fl-ambitu ta' akkreditazzjoni għall-verifikaturi msemmija fil-punt (a);
  - (c) meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunx jista' jwettaq il-proċess ta' akkreditazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(6), lista li jkun fiha l-isem tal-applikanti, il-pajjiż ta' stabbiliment u l-ambitu ta' akkreditazzjoni mitluba;
  - (d) sommarju tar-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' rivalutazzjoni mwettqa mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;
  - (e) sommarju tar-riżultati ta' valutazzjonijiet straordinarji li seħħew, inklużi r-raġunijiet għall-bidu ta' tali valutazzjonijiet straordinarji;
  - (f) kwalunkwe lment ippreżentat kontra l-verifikatur mill-aħħar rapport ta' ġestjoni u l-azzjonijiet meħuda mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fir-rigward ta' tali lmenti;
  - (g) dettalji tal-azzjoni meħuda mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni bi tweġiba għall-informazzjoni li hija kondiviża mill-awtorità kompetenti jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20, sakemm il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunx ikkunsidra l-informazzjoni bħala lment skont it-tifsira tal-Artikolu 16.
3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu juża mudell elettroniku rilevanti, ipprovdut mill-Kummissjoni.

#### *Artikolu 20*

#### **Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli mingħajr dewmien lil awtoritajiet kompetenti oħra u lill-Kummissjoni l-informazzjoni li tinsab fil-programm ta' ħidma ta' akkreditazzjoni u fir-rapport ta' ġestjoni skont l-Artikolu 19 permezz tar-reġistru tas-CBAM.
2. Meta l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni jwettqu rieżami tad-dikjarazzjoni tas-CBAM skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2023/956, huma għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn, u fejn applikabbli għall-Kummissjoni, permezz tar-reġistru tas-CBAM, il-bidu tar-rieżami u r-riżultati fir-rigward tal-ħidma mwettqa mill-verifikatur.

#### *Artikolu 21*

#### **Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-awtorità kompetenti lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandha, regolarment u mill-anqas annwalment, tikkomunika lill-

korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur tal-anqas dan li ġej:

- (a) ir-riżultati rilevanti, inklużi r-riżultati rilevanti riċevuti mingħand awtoritajiet kompetenti oħra jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(2), li jinkisbu mill-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur u tar-rapport ta' verifika, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat tal-verifikatur ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956 jew ir-Regolament (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150].
  - (b) kwalunkwe lment riċevut mill-awtorità kompetenti dwar il-verifikatur.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-mudell elettroniku rilevanti, ipprovdut mill-Kummissjoni.
  3. Meta l-awtorità kompetenti tirċievi lment dwar verifikatur akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika l-ilment lil dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.
  4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu tipprovidi evidenza li awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni tkun identifikat nuqqas ta' konformità mill-verifikatur, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jittratta l-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni bħala lment mill-awtorità kompetenti dwar dak il-verifikatur f'konformità mal-Artikolu 16.

## *Artikolu 22*

### **Notifiki mill-verifikaturi**

1. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, il-verifikaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja li tkopri s-sena kalendarja li jmiss lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkreditahom:
  - (a) il-ħin u l-post ippjanati tal-verifiki li l-verifikatur huwa skedat li jwettaq, inkluż jekk għandhiex titwettaq żjara fiżika jew virtwali fuq il-post;
  - (b) l-isem u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-operaturi li r-rapporti dwar l-emissjonijiet tagħhom huma soġġetti għall-verifika tiegħu, u l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet;
  - (c) l-ismijiet tal-membri tat-tim ta' verifika u l-ambitu ta' akkreditazzjoni li taħtu jaqgħu l-attivitajiet tal-operatur.
2. Meta jseħħu bidliet fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikaturi għandhom jinnotifikaw dawk il-bidliet lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni f'perjodu miftiehem ma' dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.
3. Il-verifikaturi għandhom jinnotifikaw lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni bi kwalunkwe bidla sinifikanti li tista' taffettwa l-akkreditazzjoni tagħhom dwar kwalunkwe aspekk tal-istatus jew tat-tħaddim tagħhom, mingħajr dewmien.

## Kapitolu IV

### Rikonoxximent reċiproku u evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni

#### *Artikolu 23*

##### **Rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi**

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-ekwivalenza tas-servizzi mogħtija minn dawk il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun għaddew b'suċċess minn evalwazzjoni bejn il-pari f'konformità mal-Artikolu 24. Huma għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni u jirrikonoxxu r-rapporti ta' verifika tal-verifikaturi akkreditati minn dawk il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni.
2. Meta korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunx għadda mill-proċess sħiħ ta' evalwazzjoni bejn il-pari, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni u għandhom jirrikonoxxu r-rapporti ta' verifika tal-verifikaturi akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni dment li l-korp li jkun rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari msemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008:
  - (a) ikun ta eżenzjoni skont l-Artikolu 24(4);
  - (b) ikun beda evalwazzjoni bejn il-pari għal dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u li ma jkun identifika l-ebda nuqqas ta' konformità tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 24*

##### **Evalwazzjoni bejn il-pari**

1. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandhom jissottomettu lilhom infushom għal evalwazzjoni bejn il-pari regolari.
2. Il-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jstabbilixxi u jissodisfa kriterji ta' evalwazzjoni bejn il-pari u għandu jwettaq proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari effettiva u indipendenti sabiex jivvaluta jekk il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li huwa soġġett għall-evalwazzjoni bejn il-pari:
  - (a) iwettaqx l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 1;
  - (b) jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II, it-Taqsima 2, l-Artikoli 14, 15 u 16 u dan il-Kapitolu.

Il-kriterji ta' evalwazzjoni bejn il-pari għandhom jinkludu rekwiżiti ta' kompetenza għall-evalwaturi bejn il-pari u għat-timijiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari li huma speċifiċi għas-sistema għall-kalkolu u għall-verifika tal-emissjonijiet integrati stabbilita bir-Regolament (UE) 2023/956.

3. Il-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari għandu jippubblika l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u għandu jikkomunikah lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni fl-Istati Membri u lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.
4. Meta korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun għadda b'suċċess minn evalwazzjoni fil-kamp tal-verifika bejn il-pari qabel l-1 ta' Jannar 2026, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jiġi eżentat milli jgħaddi minn evalwazzjoni bejn il-pari għada minn dik id-data jekk ikun jista' juri konformità ma' dan ir-Regolament.

Għal dak il-għan, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni kkonċernat għandu jissottometti talba u d-dokumentazzjoni meħtieġa lill-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari.

Il-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari għandu jiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni ġewx issodisfati.

L-eżenzjoni għandha tingħata awtomatikament lil dawk il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li diġà jkunu għaddew minn evalwazzjonii bejn il-pari b'suċċess f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067.

L-eżenzjoni għandha tapplika għal perjodu ta' mhux aktar minn 4 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-korp li huwa rikonoxxut bħala l-organizzatur tal-evalwazzjoni bejn il-pari lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

#### *Artikolu 25*

#### **Azzjoni korrettiva**

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni tagħhom f'intervalli regolari sabiex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq bażi kontinwa, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari mwettqa f'konformità mal-Artikolu 24.
2. Meta l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari skont l-Artikolu 24(3) ma jkunx sodisfaċenti, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jieqaf iwettaq kwalunkwe attività jew jipprovi servizzi skont dan ir-Regolament sakemm jintlaħaq eżitu sodisfaċenti tal-evalwazzjoni bejn il-pari.

Meta l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari skont l-Artikolu 24(3) ma jkunx sodisfaċenti jew meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti jew jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu kif stabbilit f'dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu azzjoni korrettiva xierqa jew jiżgura li tittieħed tali azzjoni korrettiva.

# **Kapitolu V**

## **Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 26*

### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20.11.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*